# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta’ nhar it-Tnejn hamsa (5) ta’ Ottubru 2015**

**Rikors Numru 372/13 FDP**

**WasteServ Malta Limited**
**(C 30560)**

**vs**

**Ludwig Dimech**
**(ID 135683M)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fis-27 ta' Novembru 2013 fejn is-socjeta rikorrenti talbet lill-Qorti tikkundanna lill-intimat ihallasha is-somma ta' tlett elef, sitt mija u sbatax-il Euro u disgha u sebghin centezmu (€3,671.79) rappresentanti bilanc dovut minnu ghal servizz ta' rimi u depositu ta' skart u materjal fil-facilitajiet imexxija minnu.

Rat ir-risposta ta' l-intimat ippresentata fid 9 ta' Lulju 2014 fejn l-intimat ikkontenda illi l-azzjoni tas-socjeta attrici kellha tigi respinta peress illi hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kap 16. L-intimat sahaq ukoll illi ma kellu jaghti ebda flus lis-socjeta rikorrenti.

Rat illi fil 11 ta' Lulju 2014 il-partijiet qablu illi jingabur provi w tigi determinata l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimat, ossija l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2156 (f), ossija il-preskrizzjoni ta' hames snin.

Rat in-nota ippresentata mill-intimat fl-24 ta' Ottubru 2014.

Rat l-'Statement of Account' ta' l-intimat ippresentat mis-socjeta rikorrenti fid 19 ta' Frar 2015.

Semghet ix-xhieda ta' **Carmel Buttigieg**, Tarrif Fee Collector mas-socjeta rikorrenti, moghtija fid-9 ta' April 2015, u l-invoices minnu esebita.

Rat illi, permezz ta' Nota ippresentata fit 2 ta' Lulju 2015, il-partijiet qablu illi ma kellhom aktar provi x'jippresentaw.

Semghet it-trattazzjoni orali tal-partijiet fil 25 ta' Gunju 2015.

**Ikkunsidrat**

Irrizulta, mix-xhieda prodotta mis-socjeta rikorrenti, illi s-servizz moghti lill-intimat jirrisali ghad 9 ta' Marzu 2007.

Irrizulta wkoll illi fit 13 ta' Mejju 2008 sar pagament akkont da' parte ta' l-intimat, u minn dakinhar 'l hawn, kif ammess mir-rappresentant tas-socjeta rikorrenti stess, ma sar ebda pagament iehor.

Ma giet ippresentata ebda dokument illi juri li mill-ahhar pagament sad-data tal-prezentata tal-kawza odjerna giet ippresentata fil-konfront ta' l-intimat xi att gudizzjaru sabiex tinterpellah ihallas, u ghalhekk li setghet tinterompi t-trapass tal-periodu preskrittiv ta' hames snin kif stabbilit fl-Artikolu 2156 (f) tal-Kap 16.

Jirrizulta illi l-azzjoni odjerna ittiehdet fis 27 ta' Novembru 2013, ossija hames snin u sitt xhur wara illi sar il-pagament da' parte ta' l-intimat fit 13 ta' Mejju 2008, u ghalhekk jidher illi l-eccezzjoni imressqa mill-intimat illi l-azzjoni odjerna hija preskritta tidher illi ghandha tintlaqa.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Rat il-provi kollha imressqa quddiemha in konnessjoni ma' l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimat tal-preskrizzjoni kwinkwennali,

Semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-vertenza billi

**Tilqa** l-eccezzjoni preliminari ta' l-intimat ta' preskrizzjoni abbazi ta' l-Artikolu 2156 (f) tal-Kap 16, u ghalhekk

Filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni eccezzjoni ta' l-intimat,

**Tichad** it-talba attrici

Spejjez tal-proceduri odjerni ghandhom ikunu lkoll a kariku tas-socjeta rikorrenti.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**